# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Settembru, 2016.**

**Rikors Numru 736/2016 SM**

**Yieh Corporation Limited ta' No. 6 E-Da Road, Yanchao Dist. Kaohsiung City, Taiwan, 82445, ic-Cina kif lokalment rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Antoine Cremona (K.I. 11980 G)**

**vs.**

**CMA CGM Agencies Worldwide (OC-151) bhala mandatarju specjali in rapprezentanza tas-socjeta` estera SA CMA CGM registrata f'Marseille, Franza bin-numru B 562 024 422 RCS Marseille**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 t'Awwissu, 2016, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi fis-16 ta' Gunju, 2016, is-socjeta` intimata giet notifikata b'ordni mahrug mill-Avukat Generali ta' Malta li rrikonoxxa f'Malta l-Ordni mahrug mill-Prosekutur Pubbliku Regjonali ta' Varsavja, il-Polonja, *ai termini* tar-regolamenti dwar l-Esekuzzjoni ta' Ordnijiet ta' Iffrizar fl-Unjoni Ewropea, (ara foll 7 u 8);

1.2. Illi permezz tal-istess ordni s-socjeta` intimata giet ordnata tirrilaxxa l-merkanzija deskritta f'zewg (2) poloz ta' karigu bin-numri rispettivi CNCL 702580 u CNCL 702588, (ara foll 11 u 13);

1.3. Illi l-ordni fuq riferit inhareg biex jigu protetti d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti kwantu jirrizulta li hi vittma ta' frodi;

1.4. Illi *nonostante* s-suespost, is-socjeta` intimata qed tostakola l-esekuzzjoni tal-imsemmi ordni li jinkwadra fl-ambitu tar-rikonoxximent reciproku ta' proceduri u ordnijiet mahruga minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li Malta hi parti minnha;

1.5. Illi bhala ordni ta' dritt pubbliku, dan ma jistax jigi intralcjat minhabba pretensjoni civili;

1.6. Illi *nonostante* dan, in esekuzzjoni ta' pretensjoni civili rikjamata mis-socjeta` intimata, inhareg mandat ta' qbid fuq talbiet fabbrikati, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 15);

1.7. Illi l-imsemmi mandat gie ezegwit in kontrappozizzjoni tal-fatt li l-Pulizija Ezekuttiva kienet qed tezegwixxi l-ordni precedenti tal-Avukat Generali fuq indikat;

1.8. Illi l-mandat *de quo* inhareg bl-iskop li jivvessa lis-socjeta` rikorrenti;

1.9. Illi ghalhekk l-istess agir tas-socjeta` intimata hu wiehed abbusiv, u hu intiz biss biex jistultifika l-vjagg tal-merkanzija in dizamina f'destinazzjonijiet ohra barra minn Malta;

1.10. Illi ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tordna lis-socjeta` intimata biex tiddesisti milli tiehu kull azzjoni li b'xi mod tista tintralcja l-ezekuzzjoni tal-ordni ta' rilaxx tal-merkanzija *de quo* favur is-socjeta` rikorrenti;

1.10.2. Tordna r-revoka *"contrario imperio"* tal-mandat ta' qbid numru 1238/16 fl-ismijiet hemm indikati;

1.10.3. Bl-ispejjez kollha tal-proceduri involuti kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat ir-rikors tal-istess socjeta` rikorrenti wkoll datat is-26 t'Awwissu, 2016, biex ghar-ragunijiet hemm espressi il-kawza odjerna tigi deciza bl-urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini, (ara foll 32);

3. Rat id-digriet taghha fir-rigward, datat ukoll fl-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm espressi, laqghet it-talba hemm kontenuta, (ara foll 31 u 33);

4.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata l-31 t'Awwissu, 2016, li permezz taghha sintetikament wiegbet bil-mod segwenti: (ara foll 43)

4.1. Illi din mhix procedura idonea ghaliex ir-rimedju jinstab fl-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.2. Illi mhix tabbuza mill-process gudizzjarju;

4.3. Illi ghalkemm hemm ordni rilaxxat fir-rigward, dan gie kkontestat u hemm proceduri ohra f'Marsilja, Franza;

4.4. Illi proceduri kriminali l-Polonja ma jipprekludux proceduri civili f'Malta;

4.5. Salv risposti ulterjuri;

4.6. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

5. Illi pprocediet tisma` l-kawza odjerna bl-urgenza u f'dan id-dawl semghet lix-xhieda prodotti;

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi fil-15 ta' Gunju, 2016, l-Avukat Generali hareg l-ordni meritu ta' din il-procedura fuq decizjoni kwadru tal-Unjoni Ewropea dwar l-ordnijiet ta' iffrizar li hu ircieva biex tigi ffrizata l-proprjeta` in dizamina, (ara foll 94);

8.2. Illi din it-talba saret mill-ufficcji idonei tal-Presekutur Pubbliku ta' Varsavja, il-Polonja;

8.3. Illi l-Avukat Generali ma kellu l-ebda alternattiva hlief li johrog tali ordni u b'hekk jimplementa l-obbligi tieghu fir-rigward kif naxxenti mill-Avviz Legali 397/2007, (ara foll 93), wara li gew ivverifikati r-rekwiziti legali kollha, (ara foll 94);

8.4. Illi in esekuzzjoni tal-istess ordni tal-Avukat General saru d-debita verifiki biex jinstabu l-oggetti kolpiti bl-istess, u wara li gew fotografati s-sigilli tal-*"containers"* fil-*"Freeport"*, peress li mall-istess ordni kien hemm ukoll ordni ta' rilaxx tal-istess *"containers"* l-ufficcjal tal-Pulizija involuta baqghet f'kuntatt mall-Ufficcju tal-Avukat Generali biex tinghata direzzjoni fir-rigward, (ara foll 97);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi minn analizi tas-suespost u tal-procedura in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-oggetti meritu ta’ din il-procedura gew kolpiti bil-mod hekk rizultanti *stante* li jirrizulta li kien hemm tentattiv verament goff ta’ frodi fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti;

9.2. Illi kif zvolgew l-eventi sussegwenti, kemm is-socjeta` rikorrenti kif ukoll dik intimata sabu ruhhom ingarbuljati f’diversi proceduri internazzjonali b’detriment ghall-interessi taghhom;

Ikkunsidrat:

10. Illi *nonostante* l-varji proceduri li l-partijiet odjerni sabu ruhhom fihom fl-Ewropa u aktar lil hemm minnha, il-procedura odjerna xorta wahda tibqa` dik naxxenti mill-ordni originali mehud mill-Avukat Generali a bazi tal-Avviz Legali fuq indikat, (ara paragrafu numru tmienja punt tlieta, (8.3.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

11. Illi fl-essenzjalita` taghha din il-procedura hi esklussivament dipendenti mill-istess ordni tal-Avukat Generali;

12. Illi ghandu jkun pacifiku li tali ordni, gialadarba anke l-istess kontendenti jaqblu li inhareg b’mod legittimu u skont il-ligi, ghandu jigi ezegwit fit-termini tal-istess Avviz Legali fuq indikat;

13. Illi ghalhekk, il-mandat ta’ qbid mitlub u ottenut fir-rigward hu tentattiv maldest biex jistultifika proceduri legittimament inizzjati f’gurisdizzjonijiet esteri biex jittutelaw l-interessi involuti;

14. Illi gialadarba l-istess ordni tal-Avukat Generali hu wiehed legittimu u skont il-ligi, tali mandat ma jistax jippregudikah a skapitu tas-socjeta` rikorrenti u tal-istess ordni pubbliku li l-azzjoni tal-Avukat Generali qed tirrapprezenta;

**DECIDE:**

15.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

15.1. Tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata;

15.2. Takkolji t-talbiet kollha s-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

15.2.1. Tordna lis-socjeta` intimata tiddesisti milli tkompli tiehu azzjonijiet li jintralcjaw l-ezekuzzjoni tal-ordni ta' rilaxx tal-merkanzija in dizamina favur is-socjeta` rikorrenti;

15.2.2. Tordna r-revoka *"contrario imperio"* tal-mandat ta' qbid numru 1238/16 fl-ismijiet indikati fl-istess rikors guramentat promotur;

15.2.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur kontra s-socjeta` intimata.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**